**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dottor Charmaine Galea LL.D.**

**Illum 2 ta' Awwissu 2016**

**Rikors Numru 301/15**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2623/2013 fl-ismijiet:**

**Francis Galea (ID 0001065M)**

**Vs**

**Andrew Buhagiar (ID 747958M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn **Mosta Auto Dealer Co. Ltd (C 3923)** ipprezentat fis-6 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrilaxxa mill-effetti tal-Mandat surreferit lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta stante illi s-socjeta` rikorrenti kienet bieghhet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 591 lis-sekwestrat Andrew Buhagiar u dan naqas milli jeffettwa l-hlas miftiehem. Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi illi peress li l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku (recte: l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta) hija indikata bhala sekwestratarja fil-Mandat ta' Sekwestru surreferit mhux qed tikkoncedilha li taghmel trasferiment tal-imsemmija vettura;

Illi l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ressqet ir-risposta taghha ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti fid-19 ta' Ottubru 2015 fejn stqarret illi hija m'ghandhiex interess proprju jekk it-trasferiment tal-imsemmija vettura jibqghax impedut bl-imsemmi Mandat u li l-uniku nteress taghha huwa li tosserva l-obbligi legali *qua* sekwestratarja u li tobdi l-ordnijiet ta' dawn il-Qrati;

Illi Francis Galea, is-sekwestrant, irrisponda ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti fit-23 ta' Ottubru 2015 u stqarr illi huwa ghandu pretensjonijiet fil-konfront ta' Andrew Buhagiar u ghalhekk joggezzjona ghar-rilaxx tal-effetti tas-sekwestru fir-rigward tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;

Illi Andrew Buhagiar, debitament notifikat, ma pprezenta l-ebda risposta;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tas-socjeta` rikorrenti;

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghal provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti kienet ittrasferiet lil Andrew Buhagiar il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 591 b'*hire purchase agreement*. Mir-rikors promutur jirrizulta illi Andrew Buhagiar informa lill-istess socjeta` li ma kienx f'posizzjoni li jkompli jhallas il-pagamenti sabiex jigi saldat il-prezz tal-imsemmija vettura u ghalhekk l-istess vettura giet ritornata lis-socjeta` rikorrenti.

Illi l-unika opposizzjoni registrata li hemm f'dawn il-proceduri hija ta' dik ta' Francis Galea li jissottometti illi jekk din il-Qorti takkorda t-talba tas-socjeta` rikorrenti, allura din tal-ahhar ghandha tiddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma diga` mhallsa minn Andrew Buhagiar fuq il-vettura in kwistjoni.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq minn Francis Galea.

L-effett ta' ftehim *hire purchase* huwa deskritt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-ismijiet **Bonnett vs Azzopardi** datata 28 ta' Ġunju 1922 fejn kien ritenut illi: "*In-natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih żewġ stadji ben distinti. Is-sid ta l-oġġett għall-kirja speċifika, b'dan li l-proprjetà ta' l-oġġett ma tgħaddix għand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oġġett u l-proprjetà ma tgħaddix lill-venditur sakemm il-prezz tiegħu ma jkunx ġie saldat.*"

Min-naha l-ohra l-iskop wara r-registrazzjoni ta' trasferiment ta' vettura huwa li jigi assigurat li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli għall-vettura reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tirrispondi skond il-liġi għal dak li jista' jiġri bl-użu ta' l-istess vettura. Fil-każ taħt eżami ma hux kontestat li l-ftehim kien wieħed ta' *hire purchase* u huma r-regoli ġuridiċi applikabbli għal dan il-kuntatt li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet. Mill-atti jirriżulta li Andrew Buhagiar, minkejja li debitament notifikat, baqa' ma rrispondiex ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti. Sta ghalhekk

għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement min-nuqqas ta' risposta tal-istess Buhagiar. Konsiderati dawn il-prinċipji, l-Qorti ssib illi s-soċjetà rikorrenti rnexxilha tipprova bid-dokumentazzjoni ppreżentata minnha u illi l-proprjeta` tal-vettura in kwistjoni ghadha m'ghaddietx ghand Andrew Buhagiar u ghaldaqstant hija gustifikata fit-talba taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghdha tilqa' t-talba tas-socjeta` Mosta Auto Delear Co. Limited (C3923) fis-sens li qieghdha tirrilaxxa mill-effetti tal-Manda ta' Sekwestru Numru 2623/13 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 591.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghal dawk tal-Awtorita` intimata li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**